C/2026/5265

13.10.2026

# Pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni ta' emenda standard approvata ta' speċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 [1]

(C/2026/5265)

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

**(Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2024/1143)**

**"Lessona"**

**Numru ta' referenza tal-UE: PDO-IT-A1191-AM02 — 16.7.2026**

1. **Isem il-prodott**

Lessona

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☑ DOP

☐ IĠP

3. **Settur**

☐ Prodotti agrikoli

☑ Inbejjed

☐ Xarbiet spiritużi

4. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika**

L-Italja

5. **Awtorità tal-Istat Membru li tikkomunika l-emenda standard**

*Isem*

Il-Ministeru għall-Agrikoltura, għas-Sovranità tal-Ikel u għall-Foresti – id-Dipartiment għas-Sovranità tal-Ikel u għall-Isport Ekwestri – id-Direttorat Ġenerali għall-Promozzjoni tal-Kwalità Agroalimentari – PQA I

6. **Kwalifika bħala emenda standard**

L-approvazzjoni u l-komunikazzjoni ta' din l-emenda standard jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-approvazzjoni ta' emenda standard skont ir-Regolament (UE) 2024/1143 u d-dispożizzjonijiet adottati skontu.

Din l-emenda taqa' taħt id-definizzjoni ta' emenda standard imsemmija fl-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE) Nru 2024/1143, billi:

— ma tinkludix bidla fl-isem jew fl-użu tal-isem, jew fil-kategorija ta' prodott jew prodotti ddeżinjati bl-indikazzjoni ġeografika;

— ma tirriskjax li jxejjen ir-rabta maż-żona ġeografika deskritta fid-dokument uniku;

— ma tinvolvix restrizzjonijiet ulterjuri fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

[1] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 tat-30 ta' Ottubru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u termini tal-kwalità mhux obbligatorji u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 664/2014 (ĠU L, 2025/27, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/27/oj).

7. **Deskrizzjoni tal-emenda/i standard approvata/i**

*Titolu*

Żieda fil-qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum tal-għeneb

*Deskrizzjoni*

Il-qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum tal-għeneb żdiedet minn 11,50 % vol. għal 12 % vol.

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 4 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

*Titolu*

Possibbiltà li l-Lessona jiġi prodott bit-terminu "vigna" (vinja)

*Deskrizzjoni*

Għat-tipi kollha previsti, żdiedet il-possibbiltà li l-Lessona jiġi prodott bit-terminu "vigna" minn vinji b'età minima ta' tħawwil ta' mqar 3 snin.

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikoli 4 u 7 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

Din l-emenda tikkonċerna t-taqsima "Rekwiżiti oħra applikabbli" tad-dokument uniku.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

*Titolu*

Tqaddim tal-Lessona Riserva

*Deskrizzjoni*

Il-perjodu tat-tqaddim tal-Lessona Riserva tnaqqas minn 46 għal 42 xahar, filwaqt li l-perjodu minimu tat-tqaddim f'reċipjenti tal-injam baqa' l-istess.

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 5 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

Din l-emenda tikkonċerna wkoll it-taqsima dwar "Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid" tad-dokument uniku.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

*Titolu*

Antiċipar tad-data tat-tqegħid fis-suq tal-Lessona Riserva

*Deskrizzjoni*

Id-data tat-tqegħid fis-suq tal-Lessona Riserva tiġi antiċipata b'4 xhur (mill-1 ta' Settembru għall-1 ta' Mejju ta' kull sena).

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 5 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

Din l-emenda tikkonċerna wkoll it-taqsima dwar "Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid" tad-dokument uniku.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

*Titolu*

Emendi formali tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott li ma jaffettwawx il-kontenut tat-test

*Deskrizzjoni*

Saru emendi formali fir-rigward tal-artikoli tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott li ma jaffettwawx il-kontenut tat-test. Dawn huma aġġornamenti għar-referenzi legali, emenda tat-titoli tal-artikoli, iddaħħlet speċifikazzjoni li tinkludi kollox, korrezzjonijiet ta' żbalji editorjali jew żbalji tipografiċi (rendiment tal-inbid u termini fir-rabta mal-ambjent).

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

*Titolu*

Aġġornament tal-indikazzjonijiet tal-Korp ta' kontroll

*Deskrizzjoni*

Wara l-emendi li saru fir-rigward tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 bid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2024/1143, il-kontenut obbligatorju tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ma għadux jinkludi l-isem u l-indirizz tal-awtoritajiet jew tal-korpi li jivverifikaw il-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u s-setgħat tagħhom.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 40(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw l-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti, tal-korpi delegati u tal-persuni fiżiċi msemmija fl-Artikolu 39(3) ta' dak ir-Regolament għal kull prodott iddeżinjat b'indikazzjoni ġeografika u għandhom jaġġornaw dik l-informazzjoni.

Għalhekk, ġie emendat l-artikolu b'referenzi għall-korp ta' kontroll, u din l-informazzjoni ġiet sostitwita b'referenza għall-pubblikazzjoni fis-sit web uffiċjali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 10 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

Din l-emenda ma taffettwax id-dokument uniku.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

*Titolu*

Possibbiltà li l-inbejjed ikollhom noti tal-injam

*Deskrizzjoni*

Żdiedet l-ispeċifikazzjoni li ġejja: "B'rabta mal-inbejjed li eventwalment jinħażnu f'reċipjenti tal-injam, jista' jkollhom riħa u/jew togħma kemxejn tal-injam."

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 6 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

Din l-emenda tikkonċerna t-taqsima "Deskrizzjoni tal-inbid jew tal-inbejjed" tad-dokument uniku.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

DOKUMENT UNIKU

**Denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi tal-inbid**

**"Lessona"**

**Numru ta' referenza tal-UE: PDO-IT-A1191-AM02 — 16.7.2026**

1. **Isem/Ismijiet għar-reġistrazzjoni**

Lessona

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☑ DOP

☐ IĠP

3. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika definita**

L-Italja

4. **Klassifikazzjoni tal-prodott agrikolu f'konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143**

2204 – Inbejjed mill-għeneb frisk, inkluż l-inbejjed imqawwija; most tal-għeneb għajr dak tal-intestatura 2009

5. **Kategoriji ta' prodotti tad-dwieli kif elenkati fil-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013**

1. Inbid

6. **Deskrizzjoni tal-inbid jew tal-inbejjed**

*Prodott tad-dwieli*

Lessona anke bit-terminu "Riserva"

*Karatteristiċi organolettiċi*

Apparenza viżiva

Lewn: aħmar lewn il-granata, bi sfumaturi oranġjo bit-tqaddim.

Aroma

Riħa: riħa karatteristika li tfakkar fil-vjola, fina u intensa.

Togħma

Togħma: xotta, pjaċevolment tannika, b'sapidità karatteristika u pjaċevoli, persistenti fil-ħalq.

*Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi*

B'rabta mal-inbejjed li eventwalment jinħażnu f'reċipjenti tal-injam, jista' jkollhom riħa u/jew togħma kemxejn tal-injam.

*Karatteristiċi analitiċi*

| | |
|---|---|
| Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum): | — |
| Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum): | — |
| Aċidità totali minima: | 5,0 |
| Unità ta' aċidità totali minima: | fi grammi għal kull litru, espressa bħala aċidu tartariku |
| Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru): | — |
| Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru): | — |

*Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi*

Qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 12,00 % vol. anke għal-Lessona Riserva bit-terminu "vigna".

Estratt minimu mingħajr zokkor: 22,0 g/l.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

7. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

7.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid jew l-inbejjed u r-restrizzjonijiet rilevanti għall-produzzjoni tagħhom*

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

Tqaddim f'reċipjenti tal-injam

Tip ta' prattika enoloġika

Prattika enoloġika speċifika

Deskrizzjoni

L-inbejjed li ġejjin iridu jgħaddu minn perjodu ta' tqaddim:

Lessona: 22 xahar, inkluż 12-il xahar f'reċipjenti tal-injam

Lessona Riserva: 42 xahar, inkluż 30 xahar f'reċipjenti tal-injam

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

Rilaxx għall-konsum

Tip ta' prattika enoloġika

Prattika enoloġika speċifika

Deskrizzjoni

Lessona: L-1 ta' Settembru tat-tieni sena wara dik li fiha nħasad l-għeneb.

Lessona Riserva: L-1 ta' Mejju tar-raba' sena wara dik li fiha nħasad l-għeneb.

7.2. *Rendimenti massimi*

L-inbejjed /Il-kategoriji / Il-varjetajiet / It-tipi kollha

Lessona

Rendiment massimu

| | |
|---|---|
| Rendiment massimu: | 8 000 |
| Unità ta' rendiment massimu: | kilogrammi ta' għeneb għal kull ettaru |

L-inbejjed /Il-kategoriji / Il-varjetajiet / It-tipi kollha

Lessona Riserva:

Rendiment massimu

| | |
|---|---|
| Rendiment massimu: | 7 200 |
| Unità ta' rendiment massimu: | kilogrammi ta' għeneb għal kull ettaru |

8. **Indikazzjoni tal-varjetà jew tal-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid li minnhom jiġi prodott l-inbid jew jiġu prodotti l-inbejjed**

— Nebbiolo N. - Spanna

— Uva rara N.

— Vespolina N. - Ughetta

9. **Definizzjoni qasira taż-żona ġeografika definita**

Iż-żona tal-produzzjoni tal-għeneb maħsub għall-produzzjoni tal-inbejjed bid-denominazzjoni ta' oriġini kkontrollata Lessona tinkludi t-territorju kollu tal-muniċipalità ta' Lessona.

10. **Rabta maż-żona ġeografika**

*Kategorija ta' prodotti tad-dwieli*

1. Inbid

*Sommarju tar-rabta*

Iż-żona tal-produzzjoni tal-Lessona tinsab fit-Tramuntana tal-Piemonte u tifforma l-parti mill-Punent taż-żona. L-għeruq storiċi diġà ġew attestati b'atti uffiċjali rreġistrati fl-1436. It-territorju jinsab fuq ilsien ta' sedimenti tal-baħar mirfud fuq blat profond tal-porfirju. Ħamrija alluvjali pjuttost laxka, ramel aċiduż ħafna, ħamrani, minerali ħafna. Il-prossimità tal-Monte Rosa tikkontribwixxi biex tagħti kenn mill-kurrenti tat-Tramuntana u b'hekk ikun hemm klima pjuttost moderata. It-terroirs ta' Lessona għandhom djalogu kbir mal-karattru nobbli tan-Nebbiolo, u l-kumpless aromatiku tad-dwieli jsir iktar għani b'mineralità rustika tipika, u b'sapidità minerali li tispikka u ċara.

11. **Rekwiżiti oħra applikabbli**

*Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga*

Użu tat-terminu "vigna"

*Qafas legali*

Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

*Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri*

Dispożizzjonijiet addizzjonali tat-tikkettar

*Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga*

Fid-dežinjazzjoni tal-inbejjed Lessona u Lessona Riserva, id-denominazzjoni ta' oriġini tista' tkun akkumpanjata mit-terminu "vigna" segwit mill-isem tal-post jew l-isem tradizzjonali rilevanti, diment li:

— l-għeneb kollu jiġi mill-istess vinja;

— dan it-terminu jidher fil-lista reġjonali xierqa skont it-tifsira tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ;

— dawk li, fid-dežinjazzjoni u l-preżentazzjoni tal-inbid Lessona Riserva, ikun beħsiebhom jakkumpanjaw id-denominazzjoni ta' oriġini bit-terminu "vigna", ikunu wettqu l-produzzjoni u l-ibbottiljar tal-inbid;

— il-produzzjoni tal-inbid u t-tqaddim tal-inbid ikunu saru f'reċipjenti separati u t-terminu "vigna" segwit mill-isem tal-post jew mill-isem tradizzjonali rilevanti ikun iddaħħal fir-rapport dwar il-produzzjoni tal-inbid, fir-reġistri u fid-dokumenti ta' akkumpanjament;

— it-terminu "vigna" segwit mill-isem tal-post rilevanti jidher b'tipa ta' daqs ugwali jew iżgħar minn 50 % tad-daqs tat-tipa użata għad-denominazzjoni ta' oriġini.

**Referenza elettronika (url) għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott**

https://www.masaf.gov.it/flex/cm/pages/ServeBLOB.php/L/IT/IDPagina/24186